MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-22 ta' April, 2014

Numru. 355/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Marius Bankov**

Illum 22 ta’April 2014

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Marius Bankov,** ta' 31 sena, iben Tomchevich Bankov Stoiadinov u Rafiga Usupova Bankova, imwieled Bulgaria fid-19/10/1982, residenti gewwa Spanja u detentur tal-karta tal-identita' Bulgara bin-numru 198370693,

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer fil-5 t'April 2014 u fil-jiem ta' qabel:-

a) **assocja ruhu** ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex jbiegh jew jitraffika f'dawn il-Gzejjer medicina (**kokajina**), bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromovaw, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni, sabiex tigi importata f'Malta d-droga kokajina u dan bi ksur tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) **importa**, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (**kokajina**) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta ;

c) **kellu fil-pussess** tieghu d-droga **kokajina** specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghal-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra

awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta'Malta li jkollha d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall uzu esklussiv tieghu.**

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-akkuzat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhalaQorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra ttwegiba u jerga’ lura minnha;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta’ April 2014 d-difensur ta’ l-akkuzat talab sabiex jitqabbad espert sabiex jevalwa is-sustanza prelevat minn fuq l-akkuzat.

Rat illi fil 11 ta' April 2014 l-Ispizjar Godwin Sammut ippresenta rapport fejn ikkonkluda li hames pilloli li kellu fuqu kienu d-droga kokaina impurtata mill-akkuzat kienet fil piz ta' 29.25 u kellha purita' ta' circa 38% bil-valur fuq is-suq ta' €1,865.57. Ikkonkluda wkoll illi pillola ohra kienet cutting agent bil-piz ta' 7.11 gramma.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-akkuzat importa tali droga billi dahhal fl-istonku tieghu sitt pilloli bid-droga kif fuq ahjar deskritta u l-kwantita u kwalita' tad-droga hija tali illi certament turi li ma kienietx intuza ghall-uzu personali tieghu.

Il-Qorti qieset ukoll l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fedina penali aggornata tieghu, li hija wahda netta. In oltre jidher illi l-imputat ikkoopera bis-shih mal-pulizija matul l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 2(1),12, 14, 15A, u 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 4,6 u 9 tal- Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni,

Issib lill imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u

Tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn u ta’ multa ta’ elfejn u erbgha mija Euro (€2,400) li, b’applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta’ din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull €35 jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga,Dokument GS2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------